## 15 ta' Frar, 1958

## Imħallef:—

## Onor. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

John Vella

**Offiża fuq il-Persuna — Negliġenza — Kolpa — Piena — Surmast tal-Iskola.**

*Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa, jibqa' dejjem illi l-elementi tagħha huma l-volontarjetà tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att, u l-possibbiltà ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi.*

*Jekk l-effetti dannużi ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setgħux ikunu prevedibbli ħlief b'diliġenza straordinarja, li l-liġi ma teżiġix, u li se maj tista' ġġib kolpa ljeviss ma, li ma hix inkriminabbli, ma hemmx ħtija.*

*Il-kolpa tista' tikkonsisti anki f'imprudenza; b'mod illi min jikkommetti att imprudenti avvolja huwa ma riedx jagħmel ħaġ'oħra ħlief dak l-att, u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa' fi ħtija għax seta' jipprevedi dawk il-konsegwenzi.*

*S'intendi, fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet miżurabbli għas-sekonda taċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ, li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena.*

*Fil-każ preżenti, surmast tal-iskola primarja tal-Gvern, bħala ċajta, poġġa lapis fit-tarf tal-bank ta' x'uħud mill-iskulari u taħ daqqa ta' riga biex il-lapis itir; il-lapis tar, ġie f'għajn wieħed mill-iskulari, u kkaġunalu offiża ta' xorta gravi; u s-surmast ġie ritenut kriminalment responsabbli ta' dik il-ferita minħabba li kien f'kolpa. U dan b'applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imfissra.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat talli l-Isla, fid-29 ta' Mejju 1957, għall-ħabta tal-10.45 a.m., fl-Iskola Primarja tal-Gvern, waqt li kellu taħt il-

kura tiegħu klassi, b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni, ikkaġuna offiża ta' natura gravi, għax magħmula b'ferita li daħlet f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem u minħabba żżmien li ħadet biex tfieq, fuq il-persuna tal-iskular tiegħu Pawlu Brincat, skond iċ-ċertifikat ta' Dr. V. Tabone, M.D., D.O. (Oxon), D.O.M.S. (London), F.R.C.S. (Edin.);

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Diċembru 1957, li biha sabet lill-imputat ħati talli, b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Pawlu Brincat, li ġiebet jew aktarx iġġib debolezza permanenti fil-funzjoni tal-għajn tal-imsemmi Brincat; u stante l-kondotta assolutament nadifa tiegħu ordnat li jiġi liberat skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 23(1)(a) tal-Liġijiet Krimnali;

Rat r-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda taż-żewġ skulari Ha'l u Mallia jirriżulta li l-imputat, teacher fi skola primarja governattiva, bħala ċajta, poġġa lapis fit-tarf tal-bank ta' xi uħud mill-iskulari u taħ daqqa ta' riga biex il-lapis itir. Ġara illi l-lapis tar f'għajn wieħed mi'l-iskulari, u kkaġunalu offiża ta' xorta gravi;

L-imputat fix-xhieda tiegħu ta' versjoni oħra. Hu qal li kien qiegħed jikteb fuq il-blackboard, it-tfal bdew jitkellmu u jagħmlu storbju, fil-pront hu dar fuqhom, ta daqqa b'riga fuq id-desk tiegħu, kumbinazzjoni kien hemm lapis fuq il-mejda, laqtu, u dan tar;

Il-Qorti taċċetta l-versjoni taż-żewġt itfal fuq imsemmijin; mhux biss għax ma hemm ebda raġuni biex dik ilversjoni tiġi skartata, imma anki għax hi korroborata bixxhieda tal-offiż Brincat . . . . .;

Din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbelx mal-Maġis-

trat li, anki kieku kellha tiġi aċċettata l-versjoni talimputat, l-istess kien ikun hemm il-"kolpa";

Infatti, id-definizzjoni klassika tal-"colpa criminale" tibqa' dik mogħtija mil-Carrara, Vol. I Parte Generale, b'dawn *il-kliem:*— "*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto*" (para. 80, p. 114). Dan l-awtur ikompli jgħid li, tkun xi tkun id-definizzjoni tal-"colpa" fil-kriminal, eppure " . . . . il tripode sul quale si asside la colpa sarà sempre questo — (1) volontarietà dell'atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo, (3) possibilità di prevedere";

Id-definizzjoni tal-Crivellari — Cod. Pen, Vol. III — hi bażata fuq l-istess postulati, u hi din:— "La colpa è la volontaria mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto" (Paġ. 228, para. 32);

Il-Pincherle — Diritto Penale, paġina 39, paragrafo 49 — ukoll ipoġġi, bħala element tal-"colpa", il-kriterju tal-prevedibbilità tal-effetti;

L-Arabia Princip. Diritto Pen. pp. 128 et seq. — isegwi t-teorija tal-"colpa" tad-Dritt Ruman, li fih ukoll kien jingħad li ". . . . quando il danno avveniva oltre quello che potevasi *umanamente prevedere,* era un infortunio non punibile; vi era colpa se vi era possibilità di prevederlo . . . . ";

Dan l-element tal-prevedibbilità tal-effetti ġie skartat minn xi awturi moderni (ara Comm. Teor. Prat. Nuovo Cod. Pen. — Saltelli e Romano di Falco, pp. 269-270); iżda din il-Qorti ma hijiex inklinata ssegwi din it-teorija ġdida; għal diversi raġunijiet, fosthom (a) dik li t-teorija tradizzjonalment aċċettata mill-Qrati Tagħna hi dik tal-prevedibbilità, (b) dik li dawn il-kommentaturi qegħdin iħarsu lejn dispożizzjonijiet tal-liġi li huma diversi, ċjoè dawk ġodda, mentri taħt il-Kodiċi Taljan ta' qabel itteorija segwita kienet dik segwita fil-Qrati ta' Malta, (c) u anki dik li, meta wieħed ineħħi *l-kriterju* tal-prevedibbilità, ikun qiegħed ineħħi l-kriterju distintiv bejn il-kolpa u l-aċċident ("caso");

Ikkunsidrat;

Kieku kienet vera l-versjoni tal-imputat, ma kienx ikun il-każ ta' kolpa; għaliex, peress li l-att tiegħu tad-daqqa tar-riga ma kienx dirett għal fuq il-lapis, imma ġie aċċidentalment fuq il-lapis, per konsegwenza l-effetti ma setgħux ikunu prevedibbli, jew almenu ma setgħux ikunu prevedibbli ħlief b'diliġenza straordinarja, li l-liġi ma teżiġix, u li, se maj, tista' ġġib il-"colpa lievissima", li ma hijiex inkriminabbli (Carrara, ibidem, paragrafi 89-90);

Imma dik il-versjoni ma hijiex, kif ingħad, aċċettata mill-Qorti; u skond il-versjoni li din il-Qorti tadotta, kien hemm kolpa, konsistenti f'imprudenza; għaliex l-azzjoni tal-imputat kienet diretta sabiex il-lapis itir; hu ried jagħmel dak l-att, itajjar il-lapis bir-riga, fil-waqt li l-lapis ikun imqiegħed fit-tarf biex itir bid-daqqa tar-riga, u l-imputat, f'post fejn kien hemm diversi persuni, seta' jipprevedi, anki b'diliġenza ordinarja, li dak il-lapis, lanċjat bil-forza tat-titjira, seta' jagħmel ħsara lil xi ħadd, kif fil-fatt disgrazzjatament għamel;

S'intendi, peress li fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet, miżurabbli għas-sekonda taċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ (tant li l-awturi diversi ħolqu termini varjati bħal "imprudenza semplice" u "imprudenza temeraria", jew "colpa d'impeto" u "colpa di proposito"), għamel sewwa għalhekk il-Maġistrat li ta lill-imputat il-benefiċċju tal-art. 23(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

L-appell hu għalhekk respint, u s-sentenza konfermata.